**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 08/19**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2019 |
| **Ħin:** | 6:25 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Stephanie Fenech - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Claude Camilleri - Kunsillier<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Joan Agius - Kunsilliera<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat** | Joe Hales - Kunsillier |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;** |
| **08.05** | ***Items ohra* ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **08.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **08.08** | ***Quaterly Financial Statements*** |
| **08.08** | **Proġetti Infrastruturali** |
| **08.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** |
| **08.10** | **Mozzjonijiet u;** |
| **08.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Hales ma setgħax jattendi għall-laqgħa minħabba appuntament mediku, imejl annessa. | |

**08. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Camilleri C | Il-Minuti 07/19 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 08. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 2 3 | | Sindku | Is-Sindku irringrazzjat lil Hales u Camilleri C għall-ħidma li għamlu fil-Kunsill Lokali matul is-snin li kienu jservu bħala kunsilliera. Ferħet ukoll lill-kunsilliera eletti ġodda u tħares il quddiem li bħala Kunsill ġdid elett jaħdmu flimkien għall- ġid taż-Żejtun. | Sindku |
| 08 2 4 | 07.06.02 | Camilleri D: Warda | Camilleri D qalet li tqassmet warda f'Jum l-Omm lid-Dar tal-Anzjani u d-*Day centre* . | Camilleri D |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 2 | 5 | 07.02.03 | Chircop: Proġett fi Pjazza Karlu Diacono | Chircop qal li l-proġett ġie illistjat mal-ewwel 13 -il proġett u jinsab fit-tieni post. Dan ipoġġi lil dan il-proġett f'ċans kbir li jiġi magħżul. Ir-riżultat finali ser joħroġ fl-aħħar ta' Ġunju. Is-Sindku talbet li l-monument eżistenti jiġi inkluż fl-istess proġett. | Chircop |
| 08 | 2 | 6 | 07.02.05 | Chircop: Kors tal-Inbid | Chircop qal li l-kors tal-inbid sar u saret ukoll serata ta' wine tasting fis-17 ta' Mejju fi Ġnien Luqa Briffa. | Chircop |
| 08 | 2 | 7 | 07.04.05 | Chircop: Restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop qal li x-xogħol fuq in-niċċa tkompla u bħalissa qed nistennew il-permess sabiex tinbidel il-blata. | Chircop |
| 08 | 2 | 8 | 07.05.08 | Chircop: Bolol | Chircop qal li l-aħħar sett ta' bolol inħareġ u issa s-sett huwa magħluq. | Chircop |
| 08 | 2 | 9 | 07.02.13 | Caruana - Triq Licata | Caruana staqsa kif bqajna fuq ix-xogħol ta' asfaltar ħażin li sar fi Triq Licata. Is-Segretarju Esekuttiv ta spjegazzjoni tal-azzjonijiet li ħa l-Kunsill f'dan ir-rigward pero bqajna mingħajr risposta. Ġie mistoqsi jekk lil-Kunsill jistax ifittex lill-Enemalta. | Sindku |
| 08 | 2 | 10 | 07.03.07 | Caruana: Permess tal-Festa - Roderick Farrugia | Caruana stqasa dwar kif bqajna dwar dan il-permess. Is-Sindku qalet li kien hemm diversi battibekki u ġie milħuq kompromess, fejn mit-Tnejn sal-Ħamis, mhux ser ikun qed jostakola l-parkeġġ tad-*disabled*. Fil-weekend ser ikun jista' jarma bħas-soltu filwaqt li l-Kunsill jipprovdi3 parkeġġi alternattivi għall-persuni b'diżabilita'. Ma dan ħallas €500 għad-dani li ġarrabna s-sena l-oħra u €500 depożitu għal din is-sena. | Sindku |
| 08 | 2 | 11 | 07.04.01 | Caruana: Skart f'Misraħ Indipendenza | Caruana staqsa dwar kif bqajna dwar din il-biċċa art. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wasalna fl-aħħar tal-proċess għad-devoluzzjoni tal-art. Agius qalet li hemm problema kbira ta' parkeġġ. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 2 | 12 | 07.06.08 | Camilleri C: Korsijiet | Camilleri C qal li ser isiru l-korsijiet akkademiċi fis-Sajf. | Camilleri C |
| 08 | 2 | 13 | 07.05.09 | Camilleri : Fuljett Sajf | Camilleri staqsa jekk hux ser isir il-fuljett tas-Sajf. Is-Sindku spjegat li peress li għadhom ma tqassmux id-dekasteri u ġie ffurmat il-Kunsill il-ġdid ser tkun problema biex kulħadd ifassal il-programm. Camilleri C staqsa kif ser jitqassmu l-fuljetti tal-korsijiet tal-Kompjuter. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn jitqassmu bil-posta. | Camilleri C |
| 08 | 2 | 14 | 07.02.08 | Agius: Attivita' ta' Jum l-Omm | Agius qalet li din l-attivita' saret fis-17 ta' Mejju b'suċċess. | Agius |
| 08 | 2 | 15 | 07.03.02 | Agius: *Malta Pride Initiative 2019* | Agius qalet li l-Kids Club jistgħu jgħinu f'din l-inizjattiva. | Sindku |
| 08 | 2 | 16 | 07.03.08 | Agius: *Outdoor Gym* | Agius staqsiet dwar kif bqajna dwar din il-proposta. Ms Sawyer tkellmet mas-Sindku u talbet li l-biċċa ta' ġewwa quddiem l-entratura tinbidel f'*outdoor gym*. Dwar dan il-Kunsill ma jistax jgħin peress li jiġi fil-binja tal-iskola. | Sindku |
| 08 | 2 | 17 | 07.05.03 | Agius: Installazzjoni Artistika fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Joan staqsiet dwar meta ser issir din l-installazzjoni. Is-Sindku wieġbet li din għadha ma saritx u s'issa twaħħlu bankijiet. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 2 | 18 | 07.06.04 | Agius: *Petting Rabbit* | Agius qalet li din l-attivita' saret u attendew ħafna tfal anke mhux żwieten. | Agius |
| 08 | 2 | 19 | 07.02.10 | Viċi-Sindku: Ġbir tal-Iskart riċiklat | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex wasal dan il-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kkonkludejna li l-*Greenpak* ħarġu bl-aħjar proposti. Rigward il-ġabra żejda tal-iskart riċiklat mhux ser issir sakemm naraw l-iskemi ta' ġbir ta' flixken tal-plastik li ser jintroduċi l-gvern fix-xhur li ġejjien. Fost affarijiet oħra, il-Greenpak ser jipprovdu boroż għall-iskart riċiklat lill-kull residenza, ser jiżguraw li t-tindif madwar il-*BIS* isir kuljum fejn jinġabar l-iskart kollu u ser tinżamm l-iskeda tal-ġbir eżistenti. Apparti minn hekk, il-Kunsill ser iżomm id-dritt li l-ġbir tal-iskart separat ikun magħżul mill-Kunsill u mhux mill-iskema kif ukoll ser jinżamm is-servizz eżistenti tal-iBins li minn meta ġew introdotti l-iskart separat fil-Bins żdied b'36%. | Sindku |
| 08 | 2 | 20 | 07.05.10 | Viċi-Sindku: Ċitazzjonijiet fi Triq Ħal Tarxien | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar jekk kienx hemm żvilupp. Dawn jidher li għadhom ma dehrux quddiem it-Tribunal Lokali min qala ċ-ċitazzjoni. | Sindku |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | 07.02.11 | Sindku: Proġett taz-zuntier | Is-Sindku qalet li l-proġett taz-zuntier ser ikun lest u l-Perit Sapiano qalilna li ser isir it-tindif u jkun aċċessibli għall-festa. | Sindku |
| 08 | 3 | 2 | 07.02.12 | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li ffirmajna l-*Memorandum of Understanding* fejn ingħatajna s-somma ta' €28000. Diġa ħadna parti minn din is-somma. Il-Professur Buhagiar ser ikun qed jagħti l-għajnuna tiegħu fejn jidħol tħawwil ta' siġar. Ser napplikaw ukoll għall-sistema ta' irrigazzjoni u dalwaqt ser inkunu qed nibdew ix-xogħol. | Sindku |
| 08 | 3 | 3 | 07.02.16 | Sindku: L-ewwel żjara uffiċjali tal-President ta' Malta | Is-Sindku qalet li din kienet suċċess fejn attendew ħafna nies li taw merħba sabiħa lill-President. Il-President ħa gost ħafna u bagħat ittra ta' ringrazzjament. Is-Sindku irringrazzjat lil Għaqdiet Żwieten, b'mod partikolari lill-baned li allegraw l-attivita' bil-marċi tagħha. | Sindku |
| 08 | 3 | 4 | 07.05.01 | Sindku: Ktieb tar-Reġjun | Is-Sindku qalet li dan il-ktieb ġie mniedi fl-10 ta' Mejju u kulħadd ġie mogħti kopja. | Sindku |
| 08 | 3 | 5 | 07.05.02 | Sindku: Berġa | Is-Sindku qalet li saret Konferenza tal-aħbarijiet mill-Ministru Chris Fearne. Qal li ser tieħu madwar 3 ġimgħat sabiex jitlesta x-xogħol. Bħalissa ir-residenti qed jinqdew mill-uffiċini tal-Kunsill sakemm jitlesta x-xogħol. | Sindku |
| 08 | 3 | 6 | 3 | Dipartiment tal-Gvern Lokali: Riforma Gvern Lokali | Is-Sindku qalet li ser issir riforma tal-Gvern Lokali. Triq issir laqgħa pubblika mhux aktar tard minnl-aħħar ta' Settembru. Irid jintbagħat invit f'kull residenza. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08 3 7 | 19/20 | Fondazzjoni Nazzareth: Majjalata / Tombla | Il-Kunsill qabel nem.con li din issir fil-ġnien. Għandu jiġi nfurmat min qed jamministra l-gabbana b'din l-attivita' | |
| 08 3 8 | | WM Environmental Ltd : Maltempata fi Frar | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellhom laqgħa mal-kuntrattur fejn ġie maqbul li €6000 jiġu mnaqqsa mill-ammonti mħallsa lilu. Dawn ser jitnaqqsu €500 kull xahar għall-sena. | |
| 08 3 9 | | Awditjar tal-kontijiet ta-Manuċċa Child Day Care Centre | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irċivejna tlett offeri mingħand Nexia BT, Mario J Azzopardi u Griffiths & Associates. Ġie maqbul unanimament li jintagħżel l-irħas wieħed li huwa Mario J Azzopardi għall-ammont ta' €950. | |
| 08 3 10 | | Rapporti ta' ħsarat fuq *tyres* | Ġew imressqa żewġ rapporti. Ġie maqbul li jingħata l-ammont tat-tyre lis-Sur Scerri kif ukoll tat-tyre li Sur Attard li jammonta għal €173. | |
| 08 3 11 | 26 | Brian Bonnici: Għaqda Banda Zejtun | Ġiet diskussa din it-talba sabiex isir l-għeluq ta' parti minn Triq il-25 ta' Noembru sabiex jintrama n-nar tal-art. Is-Sindku qalet li ser isiru diskussjonijiet mal-kumitat u jiġi deċiż id-dati li ser tingħalaq it-triq. | Sindku |

**08. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 8 4 1 | | Dawl aħmar biex issir *awarness* għall-għoti tad-demm | Kien hemm diskussjoni dwar jekk għandux jinxtgħel il-Kunsill bid-dawl aħmar. Ġie deċiż li għandna nkellmu lil Joe Baldacchino, l-iktar persuna li ta demm f'Malta biex jagħmel appell biex in-nies jitħajjru u jagħtu d-demm. | Chircop |

**08. 5. Items oħra ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 7 5 1 | | Viċi-Sindku: *Pitch* tal-Grawnd fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-MFA u l-Youth Corinthians ser isir kuntratt ġdid sabiex jinbidel il-*pitch*. Dan ser ikun aċċessibli għall-meta jiġu bżonn li jintuża mill-Kids Club s-Sibt wara nofsinhar kif ukoll filgħodu mill-Manuċċa Child Day Care Centre. | Viċi-Sindku |

**08. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Viċi-Sindku: Tfal jużaw ir-rota | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser terġa ssir l-attivita' fejn it-tfal tal-iskola jmorru bir-rota. Din ser issir fl-14 ta' Ġunju. | Viċi-Sindku |
| 08. 6. 2 | | Camilleri D: *Tournament* tal-boċċi | Camilleri D qalet li ser issir sezzjoni ta' taħriġ għall-anzjani fit-13 ta' Ġunju. | Camilleri D |
| 08. 6. 3 | | Agius: GħanaFest | Agius/Chircop infurmat lill-Kunsill li ġejna avviċinati minn Festivals Malta sabiex jieħdu sehem it-tfal tal-Kids Club lebsin bil-kostumi tradizzjonali. u l-grupp letterarju se jieħu ħsieb ir-rokna letterarja. | Agius /Chircop |

**08. 7. *Quaterly Financial Statements***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 7 | 1 | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-finanzi għall-ewwel kwar tas-sena fejn ta spjegazzjoni tad-dħul u l-ħruġ fejn qal li baqa surplus ta' €35,659. | Segretarju Eżekuttiv |
| **08.** | **8.** | | **Proġetti Infrastruturali** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 8. | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li x-xogħol fi Triq il-Labour daqt jibda. Imminenti wkoll li jibda x-xogħol ta' pavimentar fi Triq il-Gwiedi. | Sindku |
| **08.** | **9.** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;*** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 9. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 05/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 9 | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 08/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 9 | 3 | *Petty Cash* - May 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €190.61. | Segretarju Eżekuttiv |
| **08** | **10** | | **Mozzjonijiet u;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 10 | 1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa | | |
| **08** | **11** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:40pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

Maria Dolores Abela
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv